

32002R1893

L 286/19

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.10.2002

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1893/2002
tat-23 ta' Ottubru 2002**

li jemenda għas-sitt darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri ristrettivi speċifiċi indirizzati kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama Bin Laden, man-network ta' l-Al-Qaida u mat-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri ristrettivi speċifiċi indirizzati kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama Bin Laden, man-network ta' l-Al-Qaida u mat-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxa l-esportazzjoni ta' ċerti merkanziji u servizzi lill-Afganistan, li jsaħħaħ il-projbizzjoni tat-titjiriet u li jestendi l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi finanzjarji fil-każ tat-Taliban ta' l-Afganistan ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1823/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż, tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 iniżżel il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ddeċida li jemenda l-eleku ta' persuni, gruppi u entitajiet li

għalihom japplikaw l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi u, għalhekk, l-Anness I għandu jiġi emendat kif xieraq.

- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri mniżżlin f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ min-nufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Ottubru 2002.

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 276, tat-12.10.2002, p. 26.

ANNEX

Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Il-persuni ġuridiċi, il-gruppi u l-entitajiet li ġejjin għandhom jiġu miżjuda ma' l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

Global Relief Foundation, Inc., Fondation Secours Mondial, Secours Mondial de France (SEMONDE), Fondation Secours Mondial - Belgique a.s.b.l., Fondation Secours Mondial v.z.w., Stichting Wereldhulp - België v.z.w., Fondation Secours Mondial - Kosovo, Fondation Secours Mondial "World Relief", (aka GRF or FSM); Numru ta' Identifikazzjoni 36-3804626 ta' l-United States Federal Employer; Numru tal- VAT: BE 454 419 759; indirizzi u uffiċċji safejn huma magħrufa:

- 9935, South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, Stati Uniti ta' l-Amerika
 - PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, Stati Uniti ta' l-Amerika
 - 49, rue du Lazaret, F-67100 Strasburgu, Franza
 - Vaatjesstraat 29, B-2580 Putte, Belġju
 - Rue des Bataves 69, B-1040 Etterbeek, Brussel, Belġju
 - PO Box 6, B-1040 Etterbeek 2, Brussel, Belġju
 - Mula Mustafe Besekije Street 72, Sarajevo, Bosnija-Herzegovina
 - Put Mladih Muslimana Street 30/A, Sarajevo, Bosnija-Herzegovina
 - Rr. Skenderbeu 76, Lagjja Sefa, Gjakova, Kosovo, RF Jugoslavja
 - Ylli Morina Road, Djakovica, Kosovo, RF Jugoslavja
 - Rruga e Kavajes, Building No. 3, Apartment No. 61, PO Box 2892, Tirana, Albanija
 - House 267, Street No. 54, Sector F - 11/4, Islamabad, Pakistan
 - Saray Cad. No. 37 B Blok, Yesilyurt Apt. 2/4, Sirinevler, Turkija.
-